**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-PRIM MINISTRU L-ONOR. ROBERT ABELA B'RABTA MAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL EWROPEW TA' NHAR IL-ĦAMIS 15 U L-ĠIMGĦA 16 T'OTTUBRU 2026**

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** Sur President, nhar il-Ħamis 15 u l-Ġimgħa 16 ta' Ottubru attendejt għal Summit tal-Kunsill Ewropew li nżamm ġewwa Brussell. Dan kien wieħed mill-aktar summits intensivi li attendejt u pparteċipajt fihom f'dawn l-aħħar seba' snin. U ma setax jonqos, għax meta fuq l-aġenda jkollok l-immigrazzjoni irregolari, li jiddispjaċini ngħid li kważi, kważi żvolġew żewġ linji ta' ħsieb fuq din it-tema li mhux neċessarjament qegħdin jikkombaċaw flimkien; meta jkollok il-gwerer għaddejjin fil-Lvant Nofsani, fil-Golf Għarbi, u bejn l-Ukrajna u r-Russja; meta jkollok kriżi fl-enerġija illi ftit rajna qabel; u meta jkollok id-diskussjoni fuq il-baġit tal-Unjoni Ewropea kollha f'aġenda waħda, bilfors illi d-diskussjoni tkun imtawla sostanzjalment, intensiva, u mhux neċessarjament kien hemm qbil il-ħin kollu. Madanakollu kien Summit importanti ferm.

Nibda bl-ewwel tema li ddiskutejna, li forsi hija l-aktar tema importanti fiċ-ċirkostanzi. Qed nirreferi għad-diskussjoni dwar il-Multiannual Financial Framework (MFF). Din hija t-tieni darba li għandi l-privileġġ li f'isem pajjiżna se nkun qiegħed ninnegozja dan il-baġit. Għalkemm iċ-ċirkostanzi huma differenti, jiġifieri dawk ta' Ġunju 2020 u tal-lum, it-tnejn huma ċirkostanzi mill-aktar straordinarji. Dakinhar kellha l-pandemija u llum dak li qiegħed jiġri quddiem għajnejna, u dak li l-ħin kollu qiegħed jiġi rappurtat mill-midja internazzjonali, qiegħed jarah kulħadd.

Huma diskussjonijiet li issa daħlu f'fażi mill-aktar kruċjali hekk kif fis-Summit li se jkun qed jinżamm bejn it-tieni u t-tielet ġimgħa ta' Diċembru, huwa mistenni li jkun hemm il-konklużjoni, anke minħabba l-fatt li bejn Novembru ta' din is-sena u s-sena d-dieħla se jkun hemm għaxar Stati membri li se jkollhom l-elezzjonijiet. Insemmi Franza, l-Italja u Spanja li se jkollhom l-elezzjonijiet din is-sena stess. Dawn huma ċirkostanzi li jekk mhux se jintlaħaq il-qbil f'Diċembru, biex imbagħad ikollok qbil fil-ġimgħat jew ix-xhur ta' wara, ikun ferm aktar ikkumplikat.

Filwaqt li jien kont wieħed minn dawk li qbilna mal-President António Costa li f'Diċembru għandna nagħlqu, u bejn issa u Diċembru hemm kunsilli oħrajn, u jaf ikun hemm oħrajn li jkunu meħtieġa, ma ngħidx li rridu nagħlqu akkost ta' kollox. Hemm ċerta prijoritajiet li ma nistgħux nissagrifikawhom biex bilfors nagħlqu fis-sessjoni ta' Diċembru. Dak kien punt li għamiltu fl-intervent tiegħi wkoll. Kien hemm diversi oħrajn li għamluh, u għalhekk li nittama li d-diskussjonijiet jiżvolġu b'mod u manjiera li sas-Summit ta' Diċembru nkunu f'pożizzjoni li nagħlqu dan il-baġit importanti, li mbagħad jidħol fis-seħħ f'Jannar 2028 u jibqa' għaddej sas-sena 2034.

Id-diskussjoni li kellna din id-darba kienet abbażi ta' dik li tissejjaħ in-nego-box, jiġifieri n-numri u l-envelopes rispettivi, li nħarġet mill-Presidenza Irlandiża u li ġabet titjib notevoli fuq in-nego-box li nħarġet mill-Presidenza Ċiprijotta. Però sa ċertu punt għad fadal ħafna xogħol li jsir hekk kif qegħdin xahrejn 'il bogħod minn dak li għandu jkun il-kunsill konklussiv, Jiġifieri fadal ħafna xogħol xi jsir, għandek prijoritajiet differenti,

għandek aspettattivi differenti, għandek pajjiżi li saħansitra jridu jkomplu jċekknu d-daqs tal-baġit, dawk li jissejħu frugals, u għandek oħrajn li ma jaqblux ma' dik il-pożizzjoni. Għandek taħlita varjata, li però hija wkoll riflessjoni ta' dak li kellna fl-2020, fejn xahrejn qabel kulħadd kien jgħid li m'aħniex se naslu għal ftehim, imbagħad tmur fl-aħħar kunsill u jirnexxilek tasal.

X'kienu l-erba' punti ta' prijorità għalina u kif wassalthom f'isem pajjiżna fi ħdan il-Kunsill Ewropew? L-ewwel u l-aktar waħda importanti hija li għalkemm hemm prijoritajiet differenti, u hemm ħafna prijoritajiet ġodda u differenti, anke minħabba dak li ġara minn  Frar 2022 'il quddiem – qed nirreferi b'mod partikolari għall-gwerra bejn l-Ukrajna u r-Russja – ma jistgħux inkunu a skapitu tal-politika ta' koeżjoni. Jiġifieri l-politika ta' koeżjoni, filwaqt li hemm min qal fil-Kunsill stess li hija politika antikwata, jien ngħid li mhux talli mhijiex politika antikwata, talli hija aktar relevanti llum il-ġurnata għaliex hija intrinsikament marbuta mal-politika tal-kompetittività. Waħda id f'id mal-oħra.

Filwaqt li hemm konverġenza assoluta li s-suq waħdieni rridu nagħmluh aktar kompetittiv, u li l-ekonomiji individwali tagħna jridu jkun aktar kompetittivi, hemm min qed jgħid li l-politika ta' koeżjoni m'għadhiex tgħodd għal-lum. Pajjiżna jibqa' jagħmilha ċara li għalina l-politika ta' koeżjoni tibqa' prijorità. Anzi, jekk wieħed iħares lura għal x'ġara wara t-tieni gwerra dinjija, meta twaqqfet għall-ewwel darba l-komunità dak iż-żmien dwar il-faħam u azzar, u x'ġara fi snin sussegwenti, jara li l-prinċipju wara l-politika ta' koeżjoni, ċjoè li ebda pajjiż membru m'għandu jitħalla jaqa' lura mill-oħrajn, huwa l-prinċipju ewlieni li fuqu hija msejsa l-Unjoni Ewropea. Allura anke għal dak il-

għan waħdu, aħna rridu nibqgħu b'saħħitna u żelużi favur il-protezzjoni u t-tisħiħ tal-politika ta' koeżjoni. Dak huwa l-ewwel punt li għamilt.

It-tieni punt kien dwar l-importanza tal-allokazzjonijiet lill-bdiewa tagħna. Filwaqt li l-Presidenza Ċiprijotta ħarġet b'nego-box li kien hemm ċertu osservazzjonijiet dwarha, il-kwestjoni li tintroduċi capping per hectare ta' kemm jistgħu jingħataw għajnuniet lill-bdiewa tagħna, diġà kont ċar li ma tgħoddx għal pajjiżna, u li minħabba d-daqs relattivament ċkejken tal-għelieqi tagħna, hemmhekk irid ikollna trattament differenti biex jagħmel ġustizzja mas-settur agrikolu, anke biex nippreservaw punt li tant huwa importanti, jiġifieri s-sigurtà tal-ikel li biħsiebni nitħaddet fil-qosor dwaru kemxejn aktar 'il quddiem. Anzi, nista' kważi, kważi ngħidu issa għaliex inkredibbli kemm reġa' ġie tematiku dan is-suġġett.

F'Marzu 2020 niftakarni nitħaddet mal-Ministru Clyde Caruana, dakinhar kien il-Kap tas-Segretarjat tiegħi, dwar din il-kwestjoni tant fundamentali meta bdew jingħalqu l-portijiet. Imbagħad erġajna qbadnieha fil-bidu tal-gwerra bejn l-Ukrajna u r-Russja. Fil-frattemp konna wellidna l-Awtorità dwar is-Sigurtà tal-Ikel biex naħsbu għal xi ħaġa li ħadd ma emmen li se terġa' tiġri fi żmienna, imma ġrat għat-tieni darba u qed terġa' tiġri issa għat-tielet darba! Ilbieraħ kelli l-opportunità nitħaddet ma' wieħed mill-importaturi tal-ikel dwar x'qed jiġri fi Sqallija u xi sfidi ta' loġistika hemm biex saħansitra jiġi trasportat l-ikel lejn pajjiżna. Din hija realtà li bħalissa, għat-tielet darba f'dawn l-aħħar seba' snin, qegħdin nerġgħu niffaċċjaw.

It-tielet punt li għamilt f'isem pajjiżna kien dwar li aħna favur ir-riformi, però jridu jkunu riformi li jirriflettu l-prijoritajiet u l-aspettattivi tad-diversi ċittadini fis-27 Stat membru, u jridu jkunu wkoll riformi ppjanati u mhux imposti. Għalhekk, l-intervent tiegħi kien fuq il-Country Specific Recommendations, li jibqgħu rakkomandazzjonijiet u mhux jiġu imposti ta' bilfors. Aħna nuru l-*bonafede* li nimplimentawhom, però jibqgħu rakkomandazzjonijiet u ma jistgħux ikunu ta' natura punittiva.

L-aħħar punt, kruċjali ferm, kien li ma jistax ikun hemm tassazzjoni fuq livell Ewropew. L-ewwel nett għaliex din tippreġudika s-sovranità fiskali li tispetta lill-Istati membri individwali u anke għaliex din tippreġudika setturi li fuqhom, fost l-oħrajn, hija msejsa l-ekonomija tagħna. Insemmi settur ewlieni li kont ċar ħafna li aħna m'aħniex lesti li naċċettaw li jkun hemm xi tassazzjoni fuq livell Ewropew dwaru. Qed nirreferi għas-settur tal-gaming. Il-ġimgħa li għaddiet tajt ukoll din l-assigurazzjoni lid-diversi operaturi li kelli l-opportunità li nilqa' fl-uffiċċju tiegħi.

Imbagħad, bi preparazzjoni għal din id-diskussjoni, jiġifieri qabel ma uffiċjalment beda l-Kunsill Ewropew, iltqajna s-17-il Stat membru li nifformaw dik il-koalizzjoni informali li tissejjaħ Friends of Cohesion. Filwaqt li wkoll għandna diverġenzi bejnietna, imma huma ħafna inqas mid-diverġenzi li jkollna meta niltaqgħu s-27 Stat Membru u kollha kemm aħna għandna għal qalbna l-politika tal-koeżjoni. Fil-fatt, f'dik il-laqgħa li nżammet qabel beda l-Kunsill kollha kemm aħna qbilna li nkunu maqgħuda. Filwaqt li nistgħu ma naqblux fuq dettalji individwali, kruċjali li s-17-il Stat membru nibqgħu maqgħuda biex il-politika ta' koeżjoni tibqa' b'saħħitha.

Kif għedt, din hija t-tieni darba li għandi l-opportunità li ninnegozja dan il-baġit f'isem pajjiżna. Huwa minn ewl id-dinja li d-diskussjonijiet se jintensifikaw. Novembru se jkun xahar fejn għandna diversi impenji barra minn xtutna. Nibda bl-EPC, imbagħad kunsill informali, imbagħad kunsill fl-aħħar ta' Novembru li se jkun speċifikament fuq il-baġit barra dak ta' Diċembru. M'iniex neskludi li jkun hemm il-ħtieġa ta' kunsill ieħor u huwa hemmhekk fejn irridu nsibu l-bilanċ bejn l-aspettattivi differenti.

Mhijiex xi ħaġa faċli, però għandi fiduċja li l-Kummissjoni, il-Kunsill flimkien magħna l-mexxejja kapaċi naslu għal dak it-tragward. Li nista' ngħid b'ċertezza huwa li pajjiżna huwa mħejji tajjeb ħafna, kemm fuq livell tekniku kif ukoll fuq livell politiku. Nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lit-tim li qiegħed jassistini f'dawn in-negozjati, partikolarment lil Leandro Borg.

Tema oħra importanti li ddiskutejna kienet il-kompetittività tal-Unjoni Ewropea u tas-suq waħdieni. Tħadditna dwar l-iżbilanċi makroekonomiċi globali, ir-relazzjonijiet kummerċjali tal-blokk tagħna, u l-progress fir-roadmap 'One Europe, One Market' għal suq waħdieni dejjem aktar b'saħħtu. Però l-element waħdieni hemmhekk kien il-kwestjoni tal-pressjoni tal-isfidi internazzjonali, kif ukoll il-kwestjoni tal-enerġija u tal-fuels.

Kien hemm tħassib komuni li ftit rajt bħalu. Hemmhekk rajna kollox, minn pandemija għal sfidi tal-loġistika, l-inflazzjoni fuq il-prezzijiet tal-ikel, l-ewwel kriżi enerġetika fl-

2022, iżda l-inkwiet u t-tħassib li rajt f'dan il-Kunsill qatt ma rajt bħalu. Imbagħad dan huwa rifless f'dak li qegħdin naraw kollha kemm aħna jiġri ġewwa Milan, ġewwa Pariġi, ġewwa Lisbona, x'qed jiġri f'Madrid u ġewwa Brussell stess fejn konna. Dawn huma realtajiet li kulħadd jaf x'inhuwa l-kaġun tagħhom.

Tħadditna dwar miżuri li jistgħu jsiru fuq livell ta' Stati membri individwali u kif kollettivament nistgħu niġu megħjuna anke mill-Kummissjoni. F'diskussjonijiet bħal din tifhem u tapprezza ħaġa waħda, kemm f'dan il-pajjiż, l-iċken Stat membru tal-Unjoni Ewropea, għandna politika b'saħħitha u ċara dwar is-settur tal-enerġija u tal-fuels. Domanda li jistaqsuni sħabi f'kull Kunsill u li din id-darba staqsewhieli iżjed hija: Kif qed jirnexxilkom iżżommu dawn is-sussidji tant b'saħħithom? Ir-risposta hija ċara: ekonomija b'saħħitha u dħul tal-Gvern b'saħħtu u kalibrat. Għalhekk, nibqa' nsostni li din hija miżura kruċjali biex inżommu l-ekonomija b'saħħitha u reżiljenti, u biex il-piżijiet qawwija li hemm barra minn xtutna ma jiġux fuq spallejn il-familji Għawdxin u Maltin u fuq in-negozji tagħna.

Lura fl-2020, waqt il-pjan ta' riġenerazzjoni ekonomika konna għamilna mini budget, li ma kien mini budget xejn fil-verità imma kien a full-fledged budget, u dakinhar ħadna dik id-deċiżjoni iebsa li nnaqqsu l-fuels b'€0.07ċ għal kull litru u ddeċidejna wkoll li nżommu l-prezz tad-dawl stabbli, u minn dakinhar sal-lum il-ġurnata jgħaddu kważi seba' snin u bqajna nżommu dik il-politika konsistenti. (Onor. Membri: Hear, hear)

B’hekk għandna ekonomija b’saħħitha, inflazzjoni fost l-inqas u suq tax-xogħol li qed jibqa’ jiġġenera iżjed opportunitajiet. Kieku m’għamilniex hekk minħabba l-kwestjoni tal-insularità ta’ pajjiżna, li aħna gżira ċkejkna fit-tarf tal-Mediterran, kieku l-impatt li hemm barra minn xtutna jkun ħafna akbar fuqna anke minħabba l-fattur tal-inflazzjoni importata.

Huwa għalhekk li bħal-lum ġimgħa, meta se nkunu qegħdin inħabbru l-Baġit, irid jibqa’ baġit li jibgħat messaġġ konsistenti; li se nibqgħu nkunu ta’ spalla u nwieżnu lill-familji Maltin u Għawdxin kollha. Se jkun Baġit ta’ serħan il-moħħ, ta’ stabbiltà, ta’ direzzjoni, u ta’ investiment fin-nies. (Onor. Membri: Hear, hear)

Minn hemmhekk imxejna dwar is-sitwazzjoni ġeopolitika. Fil-fatt l-enerġija trattajnieha wkoll mal-kompetittività. Tkellimna dwar il-kompetittività waħedha mbagħad dwar il-kompetittività allaċċjata mal-enerġija. Kien għaqli li l-aġenda ġiet imfassla b’dak il-mod għax ma tistax titħaddet dwar kompetittività mingħajr ma jkollok suq b’saħħtu tal-enerġija. Dak li qegħdin naraw qiegħed intimament jimpatta l-kompetittività tas-suq waħdieni. Meta ġejna fuq is-sitwazzjoni ġeopolitika nistqarr li kelli diżappunt li għal darb’oħra erġajna urejna – lanqas nista’ nkun diplomatiku - double standards. Għamilna sitt sigħat nitħaddtu dwar l-Ukrajna u r-Russja u fuq il-Lvant Nofsani lanqas għamilna minuta. Kulma għamilna kien li addottajna l-konklużjonijiet.

Se nimxi għad-diskussjoni bejn l-Ukrajna u r-Russja li għaliha attenda fiżikament il-President Zelensky li tana rendikont tas-sitwazzjoni kif inhi. Tana wkoll rendikont tal-

qagħda finanzjarja li tinsab fiha l-Ukrajna u x'teħtieġ aktar. Minn dak li ġie rapportat nafu wkoll li t-talba addizzjonali hija ta' €70 biljun oħra mad-€90 biljun li approvajna ftit tax-xhur ilu. Din hija diskussjoni li ma ħadniex deċiżjoni dwarha għax aktarx il-probabbiltà kbira se tkun qed titressaq fuq l-aġenda tal-Kunsill ta' Diċembru imma wieħed jista' jantiċipa kemm il-Kunsill ta' Diċembru se tkun diskussjoni movimentata għax se jkollok żewġ realtajiet. Qed nipprovaw ngħaqqdu l-baġit għal 27 stat membru li hemm ħofra ġo fih u fl-istess waqt se jkollok realtà li aktarx se niġu mitluba biex napprovaw €70 biljun oħra. Ma nafux meta din l-istorja se tintemm jew jekk hux qed nixħtu flus ġewwa bir bla qiegħ. S'issa qegħdin nitkellmu fuq €160 biljun. Dawk huma r-realtajiet li għandna quddiemna. Diġà kien hemm żewġ stati membri, is-Slovakkja u l-Ungerija, li ddikjaraw li se jeżerċitaw opt-out.

Aktar tard fid-diskussjoni ħadna kont ukoll tat-tkabbir prospettat tal-Unjoni Ewropea. Proprju qabel il-Kunsill kelli taħdita bit-telefon mal-Prim Ministru ġdid tal-Moldova. Ħadna wkoll nota tal-progress fin-negozjati mal-pajjiżi kandidati l-oħrajn u r-ritmu tajjeb li nqabad. Insemmi wkoll il-Montenegro. Huwa kruċjali li dan il-proċess jibqa' wieħed ta' merit-based approach. Iddiskutejna wkoll it-tħejjijiet meħtieġa biex l-Unjoni Ewropea tkun lesta għat-tkabbir fid-dawl ukoll tal-komunikat riċenti tal-Kummissjoni Ewropea. Għalhekk f'dan il-proċess irridu nassiguraw li l-istati membri attwali kollha, bħalna, jibqgħu stmati ndaqs irrispettivament mid-daqs u s-saħħa tagħhom biex it-tkabbir ma jkunx a preġudizzju tagħna u biex il-benefiċċji tal-Unjoni Ewropea jaslu għand kull ċittadin u negozju.

L-aħħar suġġett li tħaddidna dwaru kien l-immigrazzjoni irregolari. Tajjeb ngħid li qabel il-bidu tal-Kunsill, minbarra l-laqgħa tal-Friends of Cohesion kellna dik il-laqgħa li nżommu bejn madwar 16-il stat membru fuq is-suġġett tal-immigrazzjoni irregolari. Din id-darba kienet hosted mill-Olanda. Mexxewha wkoll il-Prim Ministru tad-Danimarka Mette Frederiksen u l-Prim Ministru tal-Italja Georgia Meloni. Hemmhekk l-enfasi li għamilt kien dwar l-importanza li nibqgħu nitħaddtu mal-pajjiżi fin-nofsinhar tal-Mediterran. Semmejt l-eżempju li għamilna aħna ftit tal-jiem ilu, fejn intbagħtu żewġ delegazzjonijiet ministerjali ġewwa l-Libja; waħda fuq in-naħa ta' Ħaftar u l-oħra fuq in-naħa mmexxija mill-Prim Ministru al-Dbeibeh. Xtaqt nirringrazzja lil diversi Ministri li kienu preżenti, lis-Segretarju tal-Kabinett Ryan Spagnol, lill-Kap tas-Segretarjat tiegħi Mark Mallia tad-diskussjonijiet mill-aktar importanti li saru hemmhekk li jmorru lil hinn mill-immigrazzjoni irregolari imma wkoll x'opportunitajiet hemm mal-pajjiżi li jinsabu qrib ħafna tagħna.

Kif għedt fil-bidu, din kienet diskussjoni li sa ċertu punt ma kinetx sorprendenti però żviluppaw kemxejn żewġ linji ta' ħsieb, anke wara dak li ġara fi Suita ftit tal-ġimgħat ilu, fis-sajf. Kienet xi ħaġa li ma awguratx tajjeb, *come di fatto* d-draft conclusions kellhom jiġu mqassra sostanzjalment għax ma stajniex insibu text ta' kompromess bejnietna wkoll. Nittama li fuq din it-tema tant importanti għal kulħadd illum il-ġurnata, huwa kruċjali li nsibu iżjed konverġenza milli sibna din id-darba. Il-fatt li kellna naqblu fuq text ġeneriku biss ma kinetx qiegħda tawgura tajjeb però nifhem ir-*retroscena* ta' kampanji elettorali li għaddejjin bħalissa. Għalhekk nawgura li fuq dan is-suġġett tant kruċjali għalina wkoll, wieħed ifittex konverġenza. Li kien hemm tajjeb hu dak li nediet il-Kummissjoni Ewropea: l-Emergency Response Mecchanism, li fejn inti għandek il-migrazzjoni li tiġi użata bħala strument fejn għandek l-istrumentalizzazzjoni tal-

migrazzjoni, hemmhekk il-Kummissjoni ħarġet b'mekkaniżmu li jwieġeb immedjatament għal dik iċ-ċirkostanza. Dan kien żvilupp pożittiv, fejn dak il-grupp li qed niltaqgħu informalment ġibna bidliet u proposti b'saħħithom ħafna. Ilna niltaqgħu għal dawn l-aħħar xhur u kien hemm progress notevoli. Jalla nibqgħu nibnu flimkien fuqu. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)